**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Novembru 2018.**

**Talba Nru: 359/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Thomas Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-1 ta` Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` seba' mija u sebgħa u sittin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€767.12c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40618922, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 2900/2017 u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlas mitlub fuq il-kont mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta` attriċi (Dok. B1, fol. 3); (iii) ċertifikat ta` amalgamazzjoni tas-soċjeta` Mobisle Communications Limited fis-soċjeta` GO plc (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva datata 19 ta` Ottubru 2017 (Dok. Ċ, fol. 5); u (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra n-nota tas-soċjeta` attriċi ppreżentata fl-udjenza tad-19 ta` Settembru 2018 li permezz tagħha ċediet il-kawża fir-rigward tal-ammont pretiż bi prezz għas-servizzi provduti minnha, pero` żammet ferm it-talba tagħha għall-ħlas tal-imgħax u l-ispejjeż.

Sema' x-xiehda ta` Paul Gatt *credit control officer* mas-soċjeta` attriċi, li kkonferma li l-konvenut ħallas il-bilanċ tal-prezz tas-servizzi provduti lilu wara li rċieva l-atti ta` din il-kawża, pero` baqa' ma ħallasx l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet u l-ispejjeż tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut, inkluż biex il-konvenut, li xtara s-servizz għal-lok tan-negozju 'Unimark Ltd', fil-Marsa, iħallas l-imgħaxijiet kummerċjali fit-termini tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta` Malta).

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi, filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talba fil-mertu, jilqa' l-bqija tat-talbiet attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha l-imgħax kummerċjali kif stipulat fl-art. 26C tal-Kodiċi tal-Kummerċ fuq l-ammont ta` seba' mija u sebgħa u sittin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€767.12ċ) sad-data meta rċeviet mingħandu dan il-ħlas, flimkien mal-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**